MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 469/2011

**A B**

**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-erba` (4) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. JG 1' ;

Illi l-partijiet kellhom tifla li jisimha E li llum ghandha sittax-il (16) sena u r-rikorrenti kien u ghadu jhallas il-manteniment minnu dovut kif kontemplat fi klawsola sitta (6) tal-kuntratt ta' separazzjoni referut aktar l-isfel ;

Illi l-partijiet kienu legalment separati permezz ta’ kuntratt redatt minn Nutar Dr. A Vassallo-Agius datat ghaxra (10) ta’ Ottubru, tas-sena elfejn (2000) kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt *de* quo hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok. JG 2’ ;

Illi fic-cirkostanzi prevalenti m’hemm l-ebda possibilita` ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom dawn is-snin kollha mifrudin, kull parti kienet u ghadha ssegwi hajja totalment separata u ndipendenti minn xulxin ;

Illi r-rikorrenti mhux intitolat li jircievi manteniment minghand il-mara u ukoll a tenur ta’ klawzoli sitta (6) tal-kuntratt *de quo* r-ragel kien u ghadu jhallas lill-mara l-manteniment lilha dovut ;

Illi l-fatti suriferiti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fit-terminu moghti minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju ottenut mill-partijiet halli jkun jista’ jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Dicembru 2011;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat il-provi kollha;

Rat l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul, u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta’ Ottubru 2000;

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jipprova wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi huwa dejjem hallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta’ separazzjoni lill-intimata u lill-bintu minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------